**Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**

**tal-21 ta' Ottubru 2014**

**(Każ AT.39924 — Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax tal-Frank Svizzeru)**

**(Ksur tal-Firxa bejn l-Offerta u t-Talba)**

*(notifikat bid-dokument C(2014) 7602)*

**(It-test bl-Ingliż biss hu awtentiku)**

(2015/C 72/10)

*Fil-21 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"Trattat") u l-Artikolu 53 tal-Ftehim li ħoloq iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"). Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluż kull penali impost, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.*

## 1. INTRODUZZJONI

(1) Id-Deċiżjoni tikkonċerna ksur uniku u kontinwu. Id-destinatarji tad-Deċiżjoni pparteċipaw fi ksur tal-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE fis-settur ta' ċerti derivati tar-rati tal-imgħax tal-frank Svizzeru b'perjodu qasir (ST) u barra l-borża (OTC), ta' maturità sa 24 xahar ("ST OTC CHF Derivati tar-Rati tal-Imgħax" jew "ST OTC DRI" fil-qasir).

(2) ST OTC DRI huma prodotti finanzjarji li jiġu użati minn korporazzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji, fondi spekulattivi, u oħrajn li jamministraw impriżi globali tagħhom ta' skopertura għar-riskju tar-rata tal-imgħax (hedging, kemm għal dawk li jissellfu u tal-investituri) u li jiġġeneraw tariffi bħala intermedjarji jew għal skopijiet ta' spekulazzjoni. Skont il-Bank għal Reżoluzzjonijiet Internazzjonali statistiċi ta' derivati OTC, derivati tar-rati tal-imgħax, li jinkludu ST OTC DRI, jikkostitwixxu l-akbar grupp mill-prodotti kollha ta' derivati OTC. F'Ġunju 2013, derivati tar-rati tal-imgħax denominati CHF pendenti kellhom valur tas-suq gross ta' 113 biljun USD ([2]).

(3) It-tipi speċifiċi ta' ST OTC DRI li jikkonċernaw il-ksur huma limitati għal: (i) ftehim dwar rati bil-quddiem ([3]) (irreferenzjati għall-frank Svizzeru LIBOR) u (ii) skambji ([4]), li jinkludu skambji fl-indiċi mil-lum għal għada (irreferenzjati għall-frank Svizzeru TOIS ([5])) u skambji fir-rati tal-imgħax (irreferenzjati għall-frank Svizzeru LIBOR).

(4) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn li ġejjin (minn hawn 'il quddiem "id-destinatarji"):

— Ir-Royal Bank of Scotland Group plc u r-Royal Bank of Scotland plc (minn hawn 'il quddiem "RBS");

— UBS AG (minn hawn 'il quddiem "UBS");

— JPMorgan Chase & Co. u JPMorgan Chase Bank, Assoċjazzjoni Nazzjonali (minn hawn' il quddiem "JPMorgan") u

— Credit Suisse Group AG, Credit Suisse International u Credit Suisse Securities (Europe) Limited (minn hawn 'il quddiem "Credit Suisse").

## 2. DESKRIZZJONI TAL-KAŻ

### 2.1. Il-Proċedura

(5) Il-każ infetaħ fuq il-bażi ta' applikazzjoni għall-immunità mill-RBS fid-9 ta' Awwissu 2011. Fil-[...], UBS applikat għal tnaqqis ta' multi taħt l-Avviż ta' Klemenza u fil-[...], JPMorgan applikat għal tnaqqis tal-multi taħt l-Avviż ta' Klemenza.

---

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

([2]) il-Bank għal Reżoluzzjonijiet Internazzjonali (bl-Ingliż); http://www.bis.org/statistics/dt21a21b.pdf

([3]) Ftehim dwar rati bil-quddiem huwa ftehim bejn żewġ kontropartijiet biex tiġi fissa r-rata tal-imgħax illum għal ċertu perjodu ta' żmien fil-ġejjieni u pagabbli fuq ammont nozzjonali speċifikat.

([4]) Skambju huwa ftehim li fih żewġ kontropartijiet jaqblu li jiskambjaw (jew ipartu), f'intervalli speċifiċi u għal żmien fiss, flussi ta' pagamenti tar-rata tal-imgħax futuri.

([5]) TOIS huwa r-rata ta' self mhux garantit għada/li jmiss tal-frank Svizzeru. Dan jintuża bħala rata ta' referenza għal skambji fl-indiċi mil-lum għal għada tad-denominat frank Svizzeru.

(6) Fl-24 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 kontra d-destinatarji tad-Deċiżjoni bl-għan li jidħlu f'diskussjonijiet dwar ir-riżolviment magħhom. Il-laqgħat ta' riżolviment mal-partijiet seħħu u l-partijiet sussegwentement ssottomew lill-Kummissjoni t-talbiet formali tagħhom biex tinstab soluzzjoni, skont l-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 [1], għall-iskop biss li jintlaħaq riżolviment mal-Kummissjoni f'dan il-proċediment, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedimenti oħra ("sottomissjonijiet ta' riżolviment").

(7) Fit-23 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet u l-partijiet kollha kkonfermaw li kienet tirrifletti l-kontenut tas-sottomissjonijiet tagħhom għar-riżolviment u li huma baqgħu impenjati li jsegwu l-proċedura tar-riżolviment. Il-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fis-17 ta' Ottubru 2014 u l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fil-21 ta' Ottubru 2014.

### 2.2. Destinatarji u Durata

(8) It-tmien destinatarji tad-Deċiżjoni pparteċipaw f'kartell, bi ksur hekk tal-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fil-perjodu mis-7 ta' Mejju 2007 sal-25 ta' Settembru 2007.

### 2.3. Sommarju tal-Ksur

(9) Il-partijiet għall-ksur - RBS, UBS, JPMorgan u Credit Suisse - involvew irwieħhom fl-imġiba antikompetittiva li ġejja: negozjanti f'RBS, UBS, JPMorgan u Credit Suisse qablu li jikkwotaw firxiet usa' u fissi bejn offerti u talbiet fuq ST OTC DRI rilevanti għal kummerċ ma' partijiet terzi (inklużi sensara reċiproċi), filwaqt li żammew firxiet idjaq bejn offerti u talbiet għall-kummerċ bejniethom. It-terminu firxa bejn offerti u talbiet jirreferi għad-differenza bejn il-prezz tal-offerta u tat-talba ikkwotat f'kuntratt partikolari. Il-prezz tal-offerta huwa l-prezz li bih in-negozjant ikun lest li jixtri kuntratt partikolari, u l-prezz tat-talba huwa l-prezz li bih in-negozjant ikun lest li jbigħ kuntratt partikolari. L-għan ta' dawn il-kuntatti kien sabiex inaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet proprji tal-banek u tinżamm il-likwidità bejniethom filwaqt li jfittxu li jimponu firxiet usa' fuq partijiet terzi u għalhekk iżidu l-profitti tal-banek. Għan assoċjat ta' din l-imġiba kolluživa kien li tixxekkel il-kapaċità ta' atturi oħra fis-suq li jikkompetu fuq l-istess termini bħall-erba' atturi prinċipali.

(10) L-ambitu ġeografiku tal-ksur kien ikopri t-territorju kollu taż-ŻEE.

### 2.4. Rimedji

(11) Id-Deċiżjoni tapplika l-Linji Gwida tal-2006 dwar il-Multi [2]. Bl-eċċezzjoni tal-RBS, id-Deċiżjoni timponi multi fuq l-entitajiet kollha elenkati taħt il-punt (4) hawn fuq.

#### 2.4.1. *L-ammont bażiku tal-Multa*

(12) L-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta fuq l-impriżi kkonċernati għandu jiġu stabbilit b'referenza għall-valur tal-bejgħ, il-fatt li l-ksur huwa min-natura tiegħu fost ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar ta' ħsara, it-tul ta' żmien u l-ambitu ġeografiku tal-kartell, u ammont addizzjonali sabiex impriżi jiġu dissważi milli jidħlu fi prattiki illegali ta' dan it-tip.

(13) Il-Kummissjoni normalment tieħu l-bejgħ li jsir mill-impriżi matul l-aħħar sena finanzjarja sħiħa tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur [3]. Madankollu tista' tingħata deroga minn din il-prattika, jekk perjodu ta' referenza ieħor ikun aktar xieraq fid-dawl tal-karatteristiċi tal-każ [4].

(14) Fir-rigward ta' dan il-ksur, il-Kummissjoni kkalkulat il-valur tal-bejgħ annwali għal RBS, UBS, JPMorgan u Credit Suisse abbażi tal-ammont nozzjonali innegozjati ta' kuntratti ST OTC DRI irreferenzjati għall-frank Svizzeru LIBOR jew għall-frank Svizzeru TOIS u li saru ma' kontropartijiet li jinsabu fiż-ŻEE, matul ix-xhur li jikkorrispondu mal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur, li jiġu sussegwentement annwalizzati. B'rikonoxximent tal-karatteristiċi partikolari fis-settur ST OTC DRI u tan-natura tal-ksur, il-Kummissjoni naqqset dawn l-ammonti nozzjonali billi applikat fattur uniformi li jirrappreżenta l-firxa bejn it-talba u l-offerta.

#### 2.4.2. *Aġġustament għal-ammont bażiku: ċirkustanzi aggravanti u mitiganti*

(15) Il-Kummissjoni ma applikat l-ebda ċirkostanza aggravanti jew mitiganti.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 u 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18).
[2] ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2.
[3] Il-punt 13 fil-Linji Gwida dwar il-multi.
[4] Kawża T-76/06, *Plasticos Españoles (ASPLA) vs il-Kummissjoni*, li għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafi 111-113.

2.4.3. *L-applikazzjoni tal-10 % limitu fuq il-fatturat*

(16) L-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 jistipula li l-multa imposta fuq kull impriża għal kull ksur m'għandhiex tkun iktar minn 10 % tal-fatturat totali tagħha fuq is-sena preċedenti għad-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(17) F'dan il-każ, l-ebda mill-multi ma taqbeż l-10 % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-impriża fuq is-sena preċedenti għad-data ta' din id-Deċiżjoni.

2.4.4. *Applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2006*

(18) Il-Kummissjoni kkonċediet immunità sħiħa mill-multi lill-RBS. Il-Kummissjoni tat ukoll tnaqqis ta' 30 % tal-multa lil UBS u tnaqqis ta' 25 % tal-multa lil JPMorgan għall-kooperazzjoni tagħhom fl-investigazzjoni.

2.4.5. *Applikazzjoni tan-Notifika ta' Riżolviment*

(19) B'riżultat tal-applikazzjoni tan-Notifika ta' Riżolviment, l-ammont tal-multi imposti fuq l-RBS, UBS, JPMorgan u Credit Suisse tnaqqas b'10 % u dan it-tnaqqis ġie miżjud ma' kwalunkwe gwadann ta' klemenza.

## 3. **KONKLUŻJONI**

(20) Il-multi li ġejjin kienu imposti skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

| L-impriża | Multi (f'EUR) |
|---|---|
| RBS | 0 |
| UBS | 12 650 000 |
| JPMorgan | 10 534 000 |
| Credit Suisse | 9 171 000 |